SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 37/K8/17**

Data tal-laqgħa: 25 ta' Settembru 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy (Inc.5986/2017)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

37.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet tax-xogħol. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Martin John Sultana infurmaw lill-Kunsill li ser jattendu tard għal-laqgħa.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

37.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 36/K8/17 għall-approvazzjoni.

37.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 36/K8/17.

37.2.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula issekondah.

37.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

37.2.05 Fir-rigward l-ATM tal-BOV, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa li għadda marru fuq il-post hu u is-Segretarju sabiex jaraw eżatt fejn ser issir. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir Ta' Ġiorni viċin il-Merħba Pharmacy. Waqt din il-laqgħa ġejna nfurmati wkoll li l-Kunsill ser iħallas mill-fondi tiegħu l-ispejjez biex isir il-bini tal-kamra filwaqt li l-BOV jħallas għall-ispejjez tas-*security cameras* u affarijiet oħra li jkunu meħtieġa.

37.2.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro informa lill-Kunsill li fir-rigward il-permessi li qed jinħarġu bil-lejl, ser jiltaqa' ma' l-Avukat sabiex issir l-ittra uffiċċjali.

37.2.07 Bdew ħerġin l-offerti dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni u embellishment ta' Spinola Gardens fosthom:

1. L-offerta biex jinxtara u jiġi nstallat *open air gym equipment*;
2. Jinxtara u jiġi nstallat playing equipment għat-tfal iż-żgħar;
3. Jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sistema ta' l-elettriku u jiġu nstallati fanali ġodda. Din kienet intalbet kwotazzjoni

mingħand l-kuntrattur tal-Kunsill pero ser tinħareġ offerta xorta;

37.2.08 Il-fondi għal dawn ix-xogħolijiet ser tidaħħal applikazzjoni biex jinġiebu mill-UIF.

37.2.09 Ser issir talba lil Transport Malta sabiex min-naħa tagħhom isir resurfacing ta' Triq Sant' Andrija sa' Triq San Ġorġ minn Pender Gardens sal-Wembley Garage.

37.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fl-4.25p.m.

**37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

37.3.01 Iċ-Ċermen informa li kien hemm korrispondenza għaddeja dwar il-leasing period ta' Ġnien Dun Anton Sciberras u jidher li hemm żvilluppi tajbin.

37.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar in-nuqqasijiet li hemm min-naħa tal-kuntrattur *WM Environmental Limited*, fejn huwa spjega li nħarġu 7 *default notices* minħabba li l-Kunsill m'huwiex kuntent bis-servizz li qiegħed jingħata.

37.3.03 Ġie ssuġġerit li ssir mera fi Triq Michelangelo Borg ħdejn Park Towers minħabba li meta toħroġ mill-carpark huwa perikoluż.

**37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

37.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana saqsa meta ser isiru t-tindif tal-culverts. Is-Segretarju informa lis-Sur Sultana li diġa' ntbagħtet f'Lulju *works order* lill-*Cleansing Service Directorate* u dawn infurmawna li x-xogħolijiet ser isiru fl-ewwel gimgħa ta' Ottubru.

37.4.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro informa lill-Kunsill sabiex jinżabru l-planters' u jitneħħa l-ħaxix ħażin fit-*traffic island* li hemm fi Triq il-Mensija u biex titneħħa l-*crash barrier* li hemm fi Triq il-Mensija li kienet tpoġġiet fiż-żmien tal-festa.

37.4.03 Il-Kunsillier John Agius issuġġerixa li jsir *scarifying* hdejn il-Banif, quddiem il-kappillan fi Triq Lapsi u hdejn il-Love Monument.

**37.5 Iffirmar tal-ftehim tal-Ġemelaġġ Kunszentmiklos;**

37.5.01 Iċ-Ċermen informal ill-Kunsill li ġie approvat min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali il-ġemellaġġ ma' Kunszentmiklos. Is-Segretarju ta' spjegazzjoni u konfermati min-naħa ta'

Kunszentmiklos meta ser jiġu Malta, ikun f'pożizzjoni li jorganizza ċerimonja għall-iffirmar ta' l-ftehim kif ukoll ikla mal-kunsilliera.

**37.6 Monument li tfakkar il-vittmi tal-Gwerra;**

37.6.01 Wara li saret ċerimonja ta' komemorazzjoni fejn fiha l-Kunsill esprima ix-xewqa li jtella' monument li kien diġa' ġie propost fin-1989 u li ma kienx sar minħabba restrizzjonijiet finazjarji ser jerġa' jiġi propost fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi.

37.6.02 Intbagħtet korrispondenza lill-Kurja Arċiveskoviti sabiex ningħataw permess biex dan l-monument jitpoġġa fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi (kien hemm diġa approvazzjoni mill-Kurja fin-1988 saret riferenza għaliha). Il-Kunsill sar jużа wkoll fondi tal-UIF għal dan il-proġett.

**37.7 Monument għal Ġużi Tanti**

37.7.01 Saru diskussjonijiet ma' resident dwar possibilita' li ntellgħu monument ta' tifkira għal Ġużi Tanti jidher li l-bust huwa lest kif ukoll Il-Kunsillier Martin John Sultana kien lest li jfittex sponsor li kien lest iħallas għall-irħam u l-Kunsill ser ikun responsabbli mill-*embellishment* ta' l-area u x-xogħol tal-bini meħtieġ. Kien hemm qbil li dan il-monument isir fil-Pjazza Ġużi Tanti.

**37.8 Proġett tal-Bagi tal-Bajja ta' Spinola**

37.8.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg wasal fil-4.45p.m.

37.8.02 Saret diskussjoni dwar it-tibdil tal-bagi ta' l-irmiġġ li hemm fil-Bajja ta' Spinola li kienet lesta tagħmel dan ix-xogħol għas-spejjez tagħha filwaqt li l-Kunsill kien qiegħed jaqbel ma' din l-proposta kellna niċċaraw jekk hemmx il-ħtieġa li tinħareġ offerta biex isir ix-xogħol. Qabel kellna nsejħu laqgħa mal-Awtorita Martima ta' Transport Malta sabiex niddiskutu dan il-proġett.

**37.9 Talbiet żgħar;**

**37.9.01 Email mingħand is-Sinjura Monika Kopcilova dwar First Restaurant Day in Malta. (Inc. 5043/17)**

37.9.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Monika Kopcilova dwar First Restaurant Day in Malta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jintalab li ssir laqgħa magħha sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**37.9.02 Email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar Birkirkara Road (Inc. 5387/17)**

37.9.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar Birkirkara Road. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandu japplika ma' Transport Malta għall-*crash barrier* fi Triq Birkirkara.

**37.9.03 Email mingħand Dr. Robert Muscat dwar Melita FC (Inc. 5438/17)**

37.9.03.01 Inqrat l-email mingħand Dr. Robert Muscat tal-Melita FC fejn talab biex issir l-laqgħa. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa tissejjaħ waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

## 37.9.04 Email mingħand il-Valletta18 dwar Living Cities, Livable Spaces: Place Making & Identity (Inc. 5525/17)

37.9.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Valletta18* dwar Living Cities, Livable Space: Place Making & Identity. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niċċekkjaw fuqha u nibgħatuha lill-Kunsilliera bid-dettalji.

## 37.9.05 Email mingħand il-Wasteserv dwar European Week for Waste Reduction. (Inc. 5536/17, 5636/17)

37.9.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Wasteserv dwar *European Week for Waste Reduction*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser jieħdu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u ser ikellmu lill-kap ta' l-iskola primarja ta' Santa Klara.

## 37.9.06 Email mingħand is-Sur Natalino Bonello dwar EY Day Conference (Inc. 5693/17)

37.9.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Natalino Bonello dwar EY Day Conference. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tittella' din l-attivita'.

## 37.9.07 Email mingħand il-Local Councils Association dwar Cirkulari AKL 67/2017 – Courses and Registration forms for the AMIF (Asylum, Migration and Integration Fund) project. (Inc. 5758/17)

37.9.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Local Councils Association dwar ĊIrkulari AKL 67/2017 – Courses and Registration forms for the AMIF. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din tittella' fuq facebook u naraw ir-rispons min-naħa tar-residenti.

**37.9.08** **Email mingħand Friends of the Earth Malta dwar Creating Green Urban Spaces. (Inc. 5809/17)**

37.9.08.01 Inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill email mingħand il-Friends of the Earth Malta dwar Creating Green Urban Spaces. Kull min hu interessat jista' japplika sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2017.

**37.9.09** **Email mingħand mingħand is-Sinjura Rachel Abela dwar Premju Anzjanita 2017. (Inc. 5919/17)**

37.7.11.01 Saret riferenza dwar l-email dwar Premju Anzjanita', wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jinnomina l-Kunsillier John Agius.

**37.7.12** **Email mingħand is-Sur Alan Fitzpatrick dwar attivita' li ser tittela' ħdejn l-Eden Cinema. (Inc. 5921/17)**

37.7.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Alan Fitzpatrick dwar attivita' li ser tittella' ħdejn l-Eden Cinema. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u li napplikaw it-Transport Malta sabiex jingħata in-*no objection* biex tingħalaq it-triq.

37.7.13 Saret riferenza għall-email dwar il-hoarding ta' Triq San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

37.7.14 Saret sospenzjoni tar-regolament sabiex il-Kunsill jiddiskuti flimkien mal-persuna preżenti dwar issues li jirrigwardjaw Paceville. Wara diskussjoni qasira, iċ-Ċermen informa li dawn l-ilment ser jgħaddihom waqt il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.

**37.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

37.8.01 Minuti ta' Paceville ma kienx hemm peress li l-laqgħa ma saritx minħabba li ġiet posposta.

**37.9** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti;**

37.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

37.9.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

37.9.03 Il-Vici Sindku Dott Albert Buttigieg issekondaha.

**37.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

37.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4239 sa 4285.

37.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**37.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 12 t'Ottubru 2017 fl-4.30p.m.

37.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 12 t' Ottubru 2017